MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2022

Appell Inferjuri Numru 2/2022 LM

**Marianne Borg (K.I. nru. 67160(M))**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mid-deċiżjoni mogħtija fil-21 ta' Jannar, 2022, numru 33/2022 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mill-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], li permezz

tagħha ddeċieda li jilqa' l-appell tar-rikorrenti **Marianne Borg (K.I. nru. 67160(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellata'].

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw id-deċiżjoni tal-appellant tal-1 ta' Ġunju, 2020 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant"], li l-appellata kienet tħallset żejjed is-somma ta' €4,612.15 f'Għajnuna Għall-Mard għall-perijodu li jibda fit-3 ta' Ottubru, 2015 sat-2 ta' Marzu, 2019, stante li l-kapital kien jeċċedi. Għaldaqstant l-appellata ġiet infurmatha li l-ħlas żejjed kien ser jitnaqqas bir-rata ta' 10% mill-Għajnuna Medika (SKA) jew xi benefiċċji oħra li hija setgħet tirċievi mingħand id-Dipartiment.

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellata istitwiet proċeduri ta' appell quddiem l-Arbitru permezz tal-ittra tal-konsulent legali tagħha tad-9 ta' Ġunju, 2020, fejn ikkontestat id-deċiżjoni tal-appellant, filwaqt li spjegat iċ-ċirkostanzi tagħha.

4. L-appellant wieġeb fit-2 ta' Frar, 2021, fejn huwa wkoll spjega ċ-ċirkostanzi tal-każ odjern li wassluh għad-deċiżjoni tiegħu, filwaqt li rrileva li l-appell tal-appellata ma kien qed iqajjem l-ebda punt ta' liġi jew ta' prinċipju ta' importanza, u għaldaqstant kellu jiġi miċħud.

## Id-deċiżjoni appellata

5. L-Arbitru wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Illi dan huwa appell datat 9 ta' Ġunju 2020 għal deċiżjoni tad-DSS datata 1 ta' Ġunju 2020 li permezz tagħha id-DSS informa lill-appellanta li tħallset żejjed l-ammont ta' €4,612.15 f'għajnuna tal-mard għall-perijodu bejn it-03 t'Ottubru 2015 u l-02 ta' Marzu 2019 minħabba li kellha kapital li jeċċedi.*

*Illi l-appellanta oġġezzjonat għal din id-deċiżjoni stante li l-unika somma li qatt ipperċepiet kienet in linea ta' wirt, li użat tali somma biex takkwista s-sehem tal-ex ragel tagħha mir-residenza tagħha, u l-bilanċ utilizzatu biex tagħmel miljoramenti fl-istess residenza.*

*Illi d-DSS ibbaża din id-deċiżjoni fuq l-fatt illi fid-29 ta' Settembru 2015 l-appellanta u oħtha biegħu proprjetà 11, Rose, Friars Street, Gżira għas-somma ta' €160,000 u wara li tnaqqsu l-ispejjeż baqa' bħala sehem tal-appellanta l-ammont ta' €69,750. Skont id-Dipartiment hija pproduċiet evidenza li użat l-ammont ta' €35,715.*

*Mix-xhieda irriżulta illi l-flus minn dan il-bejgħ tas-sehem tagħha, ma rċeviethomx f'daqqa imma fuq medda ta' sitt xhur. Ftit wara hija xtrat ukoll sehem żewġha mid-dar matrimonjali versu l-prezz ta' €10,000 u ħallset ukoll l-ispejjeż ančillari. Irriżulta li d-dar kienet* sub standard. *Kellha tagħmel xi xogħlijiet ukoll minħabba l-kundizzjoni ta' binha.*

*L-appellanta ppreżentat ukoll statement ta' kont bankarju tagħha li l-bilanċ qatt ma qabeż l-ammont ta' €14,000. Id-DSS naqas ukoll fil-mod kif ħadem is-somma li jnaqqas l-ammont li kien tħallas mal-konvenju u ċioe' €8,000 bħala sehem l-appellanti mill-10% depożitu, liema flus kienu ntefqu għall-bżonnijiet tagħha qabel il-kuntratt. Fix-xhieda jirriżulta li d-DSS naqqas mit-€80,000 spettanti lilha s-somma ta' €10,500 taxxa, €10,000 senserija. Kwindi meta minn €80,000 tnaqqas dawn l-ammonti, il-bilanċ ikun ta' €59,500. Jekk minn dawn tnaqqas l-ammont ta' €8,000 li tħallas xhur qabel il-kuntratt, l-ammont jinżel għal €51,500. Minn dan l-ammont għandhom jitnaqqsu l-€10,200 li ħallset biex akkwistat sehem żewġha mid-dar matrimonjali bil-bilanċ jinżel ghal €41,300. Meta minn dan l-ammont wieħed inaqqas l-ammont li qal li ħallset id-DSS u ċioe' €35,715 l-ammont tal-bilanċ jonqos għal €5,585. Jekk però wieħed iżid it-€8,000 tal-konvenju (li diġà tnaqqsu qabel) l-ammont li l-appellanta għad fadlilha wara dawn il-konteġġi hu ta' €13,585 u kwindi inqas mill-ammont ta'*

*€14,000 skont il-liġi. Dan mingħajr ma wieħed jieħu kunsiderazzjoni ta' ħlasijiet li hija għamlet lil persuni li ħadmulha u ma riedux joħorġu rċevuta.*

*Illi ghalhekk l-Arbitru jħoss li l-appellanta issodisfat il-kriterju li ma kellhiex kapital aktar mill-limitu li timponi l-liġi. Madanakollu l-Arbitru jwissu severament lill-appellanta li ma marritx għand id-DSS tinfurmah b'dak li kienet qed tagħmel, bil-konsegwenza li d-Dipartiment sar jaf wara u ħa l-azzjoni li ħa. Dan speċjalment b'referenza għall-fatt li l-appellanta xtrat sehem żewġha.*

*Għaldqqstant in vista tas-suespost l-appell qed ikun milqugħ."*

**<u>L-Appell</u>**

6. Id-Direttur Ġenerali appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fil-25 ta' Frar, 2022, fejn qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tirrevoka u tħassar id-deċiżjoni appellata, u konsegwentement tikkonferma d-deċiżjoni tiegħu tal-1 ta' Ġunju, 2020, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata. Jissottometti li l-aggravji tiegħu huma li l-Arbitru (a) straħ fuq dikjarazzjonijiet tal-appellata li ma kienux korroborati mid-dokumentazzjoni ppreżentata minnha, u għalhekk huwa evidenti li kellha kapital li kien jeċċedi l-ammont permissibbli; u (b) għamel żball fil-kalkoli tiegħu li fin-nuqqas kien iwassal għall-konklużjoni li l-kapital tal-appellata kien jeċċedi l-ammont permissibbli.

7. L-appellata wieġbet fis-17 ta' Marzu, 2022, fejn issottomettiet li d-deċiżjoni appellata hija waħda ġusta, u għalhekk timmerita konferma.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant flimkien mat-tweġiba tal-appellata, u dan filwaqt li tqis ukoll l-osservazzjonijiet tal-Arbitru kif jirriżultaw fid-deċiżjoni appellata.

9. L-ewwel aggravju tal-appellant huwa li l-Arbitru straħ fuq dikjarazzjonijiet tal-appellata li ma kienux ikkorroborati mid-dokumentazzjoni ppreżentata minnha, u għalhekk huwa ċar li l-kapital tagħha kien jeċċedi l-ammont permissibbli. Jibda billi jagħmel riferiment u jiċċita l-artikolu 20 tal-Kap. 318 u għat-Taqsima II tat-Tieni Skeda tiegħu. L-appellant jikkontendi li l-oneru tal-prova hawn huwa dejjem fuq l-applikant, u jgħaddi sabiex jiċċita dik il-parti tad-deċiżjoni appellata fejn l-Arbitru għamel il-kalkoli tiegħu. Jikkontendi li l-analiżi tal-imsemmi Arbitru kienet wisq superfiċjali, bil-konsegwenza li d-deċiżjoni tiegħu kienet waħda skorretta. Jispjega li l-appellata ppreżentat rendikont ta' kont bankarju wieħed biss li nħoloq fit-30 ta' Settembru, 2015, proprju l-għada tal-kuntratt tal-proprjetà li hija u oħtha kienu wirtu, u li sussegwentement biegħu bil-prezz komplessiv ta' €160,000. Id-Direttur Ġenerali appellant jispjega kif f'dan il-kont saru d-depożiti spezzettati tas-sehem tal-prezz tal-appellata sabiex qatt ma nqabeż l-ammont ta' €14,000, u jirrileva li ma kien hemm l-ebda indikazzjoni dwar kif kien intefaq l-ammont ta' €8,000 li hija kienet irċeviet fuq il-konvenju. Jissottometti li wara d-depożitu tal-4 ta' Dicembru, 2015, fejn l-appellata kienet ferm viċin li taqbeż l-ammont ta' €14,000, hija kienet waqfet milli tiddepożita ċ-ċekkijiet ta' €10,000, u huwa inverosimili għall-aħħar li jingħad li hija f'dak il-mument ma kellhiex iktar minn €14,000 fil-bank u fl-idejn, meta bejn l-1 ta' Diċembru, 2015 u t-3 ta' Diċembru, 2015, hija kienet żbankat mhux inqas minn €3,134.97. Jirrileva li hija ma kienet ippreżentat l-ebda irċevuta li kienet tkopri dan il-perijodu jew il-ġranet ta' wara. Jirrileva wkoll li ammonti sostanzjali tal-iżbanki li saru mill-kont, kellhom in-notament AUTOTRF 40023627514, iżda l-appellata qatt ma spjegat lil min kienu qegħdin isiru t-trasferimenti. B'hekk wieħed kien jissuspetta li din kienet qegħda tittrasferixxi

l-flus f'kont bankarju ieħor li kellha kontroll fuqu, anki meħud in konsiderazzjoni li hija qatt ma ppreżentat rendikont bankarju ieħor. Isostni li s-suspetti jkomplu jikbru hekk kif l-appellata naqset milli tkompli tiddepożita l-bilanċ tal-prezz fil-kont tagħha, u għalhekk il-bilanċ ta' €31,750 baqa' mhux spjegat. It-tieni aggravju tal-appellant jirrigwarda l-kalkoli l-oħra tal-ispejjeż li l-appellata ddikjarat li hija kienet għamlet. Jirrileva li din kienet ippreżentat diversi rċevuti sabiex turi l-ispejjeż li saru fid-dar tagħha. Għalkemm id-dati fuqhom ma kienux kollha ċari, jidher li kienu maħruġa l-aktar bejn Novembru 2015 u Mejju 2016, iżda jgħid li flimkien dawn kienu jammontaw għal €9,025. Isostni li kuntrarjament għal dak li qal l-Arbitru, id-Dipartiment kien ikkunsidra wkoll l-ispiża sabiex inxtara s-sehem ta' żewġha mid-dar matrimonjali, u għalhekk l-Arbitru kien skorrett, u fuq dan il-punt biss l-appell għandu jiġi milqugħ. Jissottometti li meta d-Dipartiment għadd flimkien l-irċevuti, il-ħlas għal sehemha mid-dar matrimonjali, u ttieħed in konsiderazzjoni li binha kien jirċievi s-*Severe Disability Allowance,* is-somma kienet twassal għal €34,025. Jikkontendi li anki wara li jitnaqqas l-ammont tal-konvenju kif għamel l-Arbitru, xorta waħda kien hemm ammont sostanzjali li l-appellata kienet irċeviet, iżda li hija naqset milli tispjega kif nefqet. Kieku ma sarx dan l-iżball fil-kalkoli tiegħu, l-Arbitru kien jasal għall-konklużjoni li l-appellata kellha kapital li kien jeċċedi €14,000, u li baqgħet ma spjegatux.

10. L-appellata min-naħa tagħha tikkontendi li d-deċiżjoni tal-Arbitru hija ġusta u għandha tiġi kkonfermata, dan filwaqt li l-appell għandu jiġi miċħud. Tispjega li dan l-appell huwa msejjes fuq apprezzament ta' provi li tressqu quddiem l-Arbitru, iżda b'mod ġenerali mhux il-kompitu tal-Qorti tal-Appell li

tissindika mill-ġdid l-apprezzament tal-provi magħmul fl-ewwel istanza. Tgħid li hija kemm qabel il-proċess odjern, u anki waqt l-imsemmi proċess, kienet issottomettiet l-irċevuti kollha li kien fadlilha fil-pussess tagħha, filwaqt li bil-ġurament tagħha spjegat l-ispejjeż li għandha bħala mara anzjana b'żewġt itfal, fejn wieħed minnhom kellu bżonnijiet speċjali, tant hu hekk li ħafna mill-ispejjeż kapitali u kurrenti kienu jmorru direttament għat-trobbija tiegħu. L-appellata tissottometti li l-appellant kien ilmenta li l-Arbitru straħ fuq dikjarazzjonijiet tagħha, iżda dawn kienu ngħataw bil-ġurament u ġew ikkorroborati minn diversi dokumenti esebiti u oħrajn, u anki miċ-ċirkostanzi fattwali ta' ħajjitha. Tikkontendi li l-kalkoli tal-Arbitru kienu korretti, kemm għaliex kienu dokumentati, iżda wkoll għaliex huma kredibbli anki fuq bażi umanitarja, fejn hija kienet u għadha kostretta toħroġ għadd sostanzjali ta' spejjeż biex tirranġa l-fond li kien ġie ddikjarat *sub-standard,* u anki biex tkompli trabbi u tieħu ħsieb lill-imsemmi binha. Għalhekk huwa tassew kredibbli li hija qatt ma kellha jew seta' kellha f'idejha aktar minn €10,000, u b'hekk hija kellha u għadha fil-bżonn tal-għajnuna soċjali.

11. Il-Qorti tgħid li ma ssib l-ebda raġuni gravi għaliex hija għandha tiddisturba d-deċiżjoni tal-Arbitru, liema deċiżjoni fil-fehma tagħha tirriżulta ġustifikata. Dan filwaqt li hija qegħda tirrikonoxxi l-fatt rilevat mid-Direttur Ġenerali appellant li d-Dipartiment kien ukoll naqqas fil-kalkoli tiegħu l-ammont ta' €10,000, li l-appellata ħallset lil żewġha rappreżentanti sehemu mid-dar matrimonjali.

12. Tikkunsidra li l-prinċipju ġenerali huwa li l-apprezzament tal-provi għandu jitħalla f'idejn qorti jew tribunal tal-ewwel istanza li quddiemha

jinstemgħu x-xhieda u jitressqu l-provi, u dan m'għandux jiġi faċilment iddisturbat mingħajr raġuni gravi u mpellenti minn qorti tal-appell.

13. Fil-każ odjern jirriżulta li l-Arbitru wara li għamel il-kalkoli tiegħu u sab li f'idejn l-appellata kien hemm inqas mill-ammont ta' €14,000.00 stabbilit mil-liġi, iddikjara li *"[d]an mingħajr ma wieħed jieħu kunsiderazzjoni ta' ħlasijiet li hija għamlet lil persuni li ħadmulha u ma riedux joħorġu rċevuta".*

14. Il-Qorti ħadet konjizzjoni tax-xhieda tal-appellata mogħtija waqt is-seduta tal-4 ta' Ġunju, 2021 quddiem l-Arbitru. Hawn hija tispjega bil-ġurament tagħha, mhux biss li kien hemm xi spejjeż imħallsa li għalihom hija ma ngħatatx irċevuta jew li din ma baqgħetx aktar leġibbli maż-żmien, iżda wkoll l-istat uman u finanzjarju pjetuż li hija kienet ridotta għalih wara li ż-żwieġ tagħha tkisser u sseparat minn mar-raġel tagħha, fejn dan ma baqax jagħtiha manteniment. Madankollu xorta waħda kienet kostretta tieħu ħsieb u tmantni żewġt itfal żgħar, wieħed minnhom b'diżabilità severa u li ma ppermettietx li taqbad impjieg, filwaqt li tħallas Lm70 fix-xahar lil Lohombus għas-self fuq id-dar matrimonjali fejn hija baqgħet tgħix flimkien mat-tfal tagħha. Il-Qorti tgħid li ċertament l-Arbitru kellu l-opportunità li jisma' lill-appellata *viva voce,* u wara li hija qrat ukoll bir-reqqa in-notamenti, il-korrispondenza u d-dokumenti l-oħra miżmuma fil-*file* tad-Dipartiment, minn fejn joħroġ ċar li dan mhux każ ta' qerq min-naħa tal-benefiċċjarja, kif qed jiġi ssuġġerit mill-appellant, hija tgħid li ma tħossx li għandha tbiddel id-deċiżjoni tal-Arbitru.

15. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx l-aggravji tad-Direttur Ġenerali appellant ġustifikati, u tiċħadhom.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tad-Direttur Ġenerali appellant, billi tiċħdu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontrih.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**